



Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en, sl, sk)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0353(COD)

11176/23
ADD 1

CODEC 1222
ENV 783
ENT 151
MI 574

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mis-Slovenja

Is-Slovenja tappoġġa u timpenja ruħha li tikkontribwixxi għall-oġġettivi tar-Regolament il-ġdid dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji biex jitnaqqsu l-impatti ambjentali u soċjali fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji. Għalhekk, fil-prinċipju s-Slovenja tappoġġa r-Regolament il-ġdid fir-rigward tar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza għall-batteriji, kif ukoll rekwiżiti ċari għall-introduzzjoni fis-suq tal-batteriji. Is-Slovenja tappoġġa wkoll it-tisħiħ tar-rekwiżiti għall-użu mill-ġdid u l-manifattura mill-ġdid, kif ukoll l-irkupru u l-ġestjoni tal-iskart ta' batteriji. Madankollu, is-Slovenja tqis li ċerti dispożizzjonijiet mhumiex ċari biżżejjed u li ċerti rekwiżiti mhumiex teknikament jew ekonomikament fattibbli fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-proposta ta' kompromess finali.

Is-Slovenja tixtieq tindika li r-rekwiżiti għall-ġestjoni tal-iskart ta' batteriji, b'mod partikolari r-responsabbiltà estiża tal-produttur u speċjalment ir-reġistrazzjoni tal-produttur u l-awtorizzazzjoni ta' konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur, issa jirriżultaw mid-Direttiva, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddefinixxu rekwiżiti leġislattivi u organizzattivi dettaljati skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali. Il-modifika tal-istrument ser tikkawża diffikultajiet addizzjonali, kif ukoll piżijiet amministrattivi u finanzjarji, fl-adattament tas-sistemi nazzjonali eżistenti għar-rekwiżiti riveduti.

Is-Slovenja taqbel li huma meħtieġa miri ambjentali ambizzjużi, iżda tixtieq tesprimi tħassib serju li l-miri ta' kompromess proposti għall-ġbir separat ta' skart ta' batteriji portabbli u skart ta' batteriji għal vetturi ħfief, kif ukoll il-miri ta' kompromess proposti għall-irkupru tal-litju u l-effiċjenza tar-riċiklaġġ, jistgħu jintlaħqu fil-limiti ta' żmien stipulati fir-Regolament.

Is-Slovenja jiddispijaċiha wkoll dwar in-nuqqas ta' miżuri għal monitoraġġ u sorveljanza effettivi tal-konformità mal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur tal-intrapriżi mikro jew żgħar. B'referenza għall-Artikolu 30 tar-Regolament dwar is-Suq Intern għas-Servizzi Diġitali, il-fornituri ta' pjattaformi online li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro jew żgħar mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Għalhekk, la l-iżgurar tal-konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur u lanqas il-monitoraġġ ma jkunu possibbli f'każijiet bħal dawn.

Is-Slovenja jiddispijaċiha wkoll li xi bidliet editorjali fid-dawl tal-aħħar ftehim ta' kompromess ma jikkontribwixxux għal ambjent regolatorju aħjar jew ċarezza tar-regolament.

Fid-dawl tat-tħassib serju dwar il-fattibbiltà ta' xi wħud mir-rekwiżiti, is-Slovenja ser tastjeni.

Dikjarazzjoni mis-Slovakkja

Ir-Repubblika Slovakka hija mħassba dwar il-perjodi ta' żmien stabbiliti għall-obbligi individwali u l-perjodi ta' żmien, il-kamp ta' applikazzjoni u l-ammont ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament, li jistgħu jikkawżaw problemi f'termini tal-implimentazzjoni tar-Regolament fil-prattika.

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni 1

Il-Kummissjoni tinnota li l-approċċ maqbul mill-koleġiżlaturi li jorbot l-applikabbiltà ta' ċerti regoli ta' sostenibbiltà mal-adozzjoni tal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni rispettivi mill-Kummissjoni, jista' jaffettwa ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi dwar l-applikabbiltà tar-regoli fir-Regolament.

Dikjarazzjoni 2

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-iskadenzi qosra għall-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni kif ukoll diversi azzjonijiet oħra ta' segwitu u tesprimi tħassib dwar il-fattibbiltà li dawn l-iskadenzi jiġu rispettati. Il-Kummissjoni tinnota li l-implimentazzjoni tar-Regolament ser teħtieġ riżorsi sinifikanti fil-Kummissjoni.
